TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 548/10

**Carmen Agius**
**vs**
**International Trading Company Ltd.**

Illum 18 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850), rappreżentanti prezz ta' *fridge* li beda jagħmel l-ilma.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *fridge* u fiż-żmien il-garanzija bdiet tagħmel l-ilma u s-silġ, u minkejja li l-intimat sewwew u biddlu xi ħaġa mis-sistema, dina xorta baqgħet tagħmel l-ilma.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi wara li għamlu tibdila fis-sistema tal-gas, din ma baqgħetx tagħmel l-ilma.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi jekk il-*fridge* kienet tajba ġdida, ma kellhomx isiru alterazzjonijiet sabiex tiġi irranġata, u di piu qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti fejn tgħid li qed tagħmel l-ilma.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u b'dan illi l-*fridge* tiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**